MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 315/2005

**Untours Insurance Agents Ltd (C5655) ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Antoinette Cutajar u l-istess Antoinette Cutajar**

**vs**

**Mallia Raymond**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Jannar, 2005 fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas in linea ta' danni tlett mija u sitti liri Maltin u sittin centezmu (Lm306.60), kwantu ghall mitejn u wiehed u sebghin lira Maltija u sittin centezmu (Lm271.60) lil Untours Insurance Agents noe u hamsa u tletin lira Maltija (Lm35) lil Antoinette Cutajar, danni**

**minnhom imgarrba in segwitu ghall-incident stradali li sehh Haz-Zabbar, fis-6 ta' Dicembru, 2004 bejn truck numru AAF-406 misjuq mill-konvenut u Fiat Seicento numru DBG-857 misjuqa mill-attrici, liema incident sehh b'responsabilita` tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-Kap.104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-21 ta' Frar, 2005, fejn intqal illi l-incident in kwistjoni sehh minghajr ebda htija da part ital-intimat, izda sehh unikament b'negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Antoinette Cutajar li kienet qed issuq il-vettura numru DBG-857 fil-hin tal-incident, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Kwindi t-talbiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Mario Mifsud, Antoinette Cutajar, Michael Cutajar. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet, fis-6 ta' Dicembru, 2004, bejn il-vettura, Truck tal-Coca Cola, bin-numru ta' registrazzjoni AAF-406 misjuqa minn Raymond Mallia, u l-vettura Fiat Seicento bin-numru ta' registrazzjoni DBG-857 misjuqa mill-attrici.**
**2. L-incident sehh f'Haz-Zabbar fl-inkrocju bejn main Street u Triq Hompesch.**
**3. L-attrici tghid li kienet qed issuq wara t-truck tal-konvenut u dana ghall tul ta' hin sakemm waslet ghall-inkrocju ma' Triq Hompesch, fejn it-triq titwessa. It-truck qaghad fuq il-lemin, filwaqt li l-attrici qaghdet fuq ix-xellug bl-indicator mixghul peress li riedet iddur lejn ix-xellug. Tghid li kif ghada wieqfa it-truck dahar u ghafas ghall fuq ix-xellug u laqatha u spustjaha peress li l-karrozza taghha zghira. Ma**

**jirrizultax li l-attrici qalghet minn gewwa kif ipprova jindika l-konvenut.**

**4. Il-konvenut jghid li Main Street, Haz-Zabbar tiehu karrozza wahda. F'dan ir-rigward, jirrizulta li dan definitivament mhux minnu, tant li l-parti estrema ta' wara tax-xellug tal-vettura tal-attrici, kif jidher mir-ritratt Dok.G, lanqas ma kienet qed tmiss mal-bankina,. Il-konvenut jghid li gie fuq l-istop sign u waqaf biex jikser fuq ix-xellug. Jghid li wara li ra li ma kienux gejjin karrozzi fi triq Hompesch hu beda miexi, meta dahlitlu karrozza mix-xellug. Huwa evidenti fejn kienet il-vettura tal-attrici, li din kienet hemm minn qabel u li l-konvenut jista' jkun li jien attent ghat-traffiku fi Triq Hompesch, pero` ma kien attent ghall-karrozzi li kien hemm hdejh.**

**5. Bi truck tal-kobor li kien qed isuq, meta kiser huwa habat mal-attrici u spustja l-gewwa, peress li dan ma hax id-dawra fit-tul, apparti li ma taghax kaz tal-karrozza li kien hemm mal-genb tieghu, u cioe` nuqqas ta' proper lookout da part ital-konvenut. Ghalhekk ghall-incident in kwistjoni jahti unikament il-konvenut.**

**6. Id-danni jirrizultaw fl-ammont mitlub, vide prospett Dok.2 u dokumenti relative Dok.A sa Dok.F.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo, jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici Untours Insurance Agents Ltd noe s-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin lira Maltija u sittin centezmu (Lm271.60) u lil Antoinette Cutajar is-somma ta' hamsa u tletin lira Maltija (Lm35), bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Mejju, 2005.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-Kap.104 ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------